# Fil-jiem li jmiss se jitlesta l-abbozz tar-rapport dwar il-Politika Komuni Ewropeja dwar l-Immigrazzjoni

Robert CREMONA
24 t' Ottubru, 2008 19:32 CET



Sal-bidu tas-sena l-Unjoni Ewropea għandu jkollha iswed fuq l-abjad il-politika komuni tagħha dwar l-Immigrazzjoni. Il-Politika Komuni tal-UE dwar l-Immigrazzjoni kienet tfasslet mill-Kummisjoni Ewropea f'Ġunju ta' din is-sena. U l-Ewro Parlamentari Nazzjonalista Simon Busuttil kien tqabbad mill-Parlament Ewropew biex iħejji rapport għall-Parlament Ewropew dwar din il-Politika.

Kif fisser Simon Busuttil innifsu waqt laqgħa tal-MEUSAC li saret il-Ġimgħa wara nofsinhar, dan ir-rapport jinsab fi stadju avvanzat ħafna. Sa Novembru ikun lest l-abbozz tar-rapport dwar il-Politika Komuni tal-UE dwar l-Immigrazzjoni. U dan l-istess rapport mistenni jitressaq quddiem il-Parlament Ewropew f'Jannar li ġej. Kien għalhekk li l-MEUSAC organizza din il-laqgħa għall-għaqdiet involuti f'dan is-settur biex issir diskussjoni b'rabta mal-immigrazzjoni u l-politika komuni.

Simon Busuttil qal li Malta għandha tinfluwenza l-mod kif qed tisawwar din il-politka komuni, l-aktar minħabba l-fatt li għal pajjiżna din hi kwistjoni ta' importanza kbira. Il-konsultazzjoni qed issir mhux biss f'Malta iżda anke fi Brussell fejn se tkun organizzata seduta apposta għall-Kumitat Parlamentari responsabbli

minn din il-materja.

Din il-Politika komuni tkompli tibni fuq il-Patt dwar l-Immigrazzjoni li kien approvat mill-mexxejja Ewropej il-ġimgħa l-oħra.

Waqt il-ftuh ta' din il-laqgħa tal-MEUSAC is-Segretarju Parlamentari Chris Said sostna li din l-okkażjoni hi xhieda ċara ta' kemm il-Parlament Ewropew qed jisma l-vuċi ta' Malta. Hu fakkar li l-Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-prosperita', is-solidarjeta' u s-sigurta'. Wara li saru diversi interventi minn dawk preżenti, il-laqgħa ġiet fi tmiemha b'indirizz mill-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb.

Preżenti f'isem il-PN kien hemm is-Segretarju Ġenerali Paul Borg Olivier li f'intervent saħaq fuq il-bżonn li l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja ikollhom politika iktar b'saħħitha fuq l-imigrazzjoni illegali, kif ukoll politika komuni fejn l-Unjoni Ewropeja tkompli tinvesti u tassisti terzi pajjiżi f'opportunitajiet aħjar ta' għixien u biex jinħolqu opprotunitajiet ta' xogħol f'dawn il-pajjiżi biex titrażżan l-imigrazzjoni lejn l-Ewropa.

F'kumment li ta lil MaltaRightNow.com, Paul Borg Olivier qal li hija ħasra li l-Partit Laburista kien assenti fid-diskussjoni fil-MEUSAC biex joffri proposti konkreti fuq suġġett tant sensittiv li jolqot lil pajjiżna b'mod dirett.